



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.1.2018  
COM(2018) 34 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE**

## **1. SFOND**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva tal-VAT), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. Billi din il-proċedura tipprevedi derogi mill-prinċipji ġenerali tal-VAT, skont id-deċiżjonijiet konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li dawn id-derogi jkunu proporzjonati u limitati fil-kamp ta' applikazzjoni.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' Awwissu, il-Latvja talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Latvja, bl-ittra tat-3 ta' Novembru 2017 (il-Portugall ġie infurmat bl-ittra tas-6 ta' Novembru 2017). Bl-ittra tas-7 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha li kellha bżonn biex tivvaluta t-talba.

Bħala regola ġenerali, il-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, hija l-persuna taxxabli li tforni l-oġġetti. L-iskop tad-deroga mitluba mil-Latvja huwa li dik l-obbligazzjoni titqiegħed fuq il-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti (l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu tar-reverse charge), fil-każ ta' prodotti partikolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-oġġetti ta' kostruzzjoni. L-għan tad-deroga mitluba huwa l-ġlieda kontra l-frodi.

## **2. IR-REVERSE CHARGE**

Il-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT hija l-persuna taxxabli li tforni l-oġġetti jew is-servizzi. L-iskop tal-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa li jċaqlaq dik l-obbligazzjoni fuq il-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti.

Il-frodi b'negozjant nieqes issir meta n-negozjanti jbiegħu oġġetti jew jipprovdu servizzi, jiġbru l-VAT mill-klijenti tagħhom u wara dan jgħibu mingħajr ma jħallsu lura l-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa li jkunu għabru mill-klijenti tagħhom. Fl-aktar każijiet aggressivi ta' din l-evażjoni tat-taxxa, l-istess oġġetti jew servizzi jiġu furnuti diversi drabi, permezz ta' skema "karusell" (li tinvolvi l-oġġetti jew is-servizzi n-negozjati bejn l-Istati Membri), mingħajr ma titħallas il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa, u fl-istess ħin il-klijent se jnaqqas il-VAT li jkun ħallas lill-fornitur tiegħu. Bin-nomina tal-persuna li tkun pprovduta bl-oġġetti jew bis-servizzi bħala l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT f'dawn il-każijiet, instab li l-mekkaniżmu tar-reverse charge jelimina l-opportunità li wieħed iwettaq dik il-forma ta' evażjoni tat-taxxa.

## **3. IT-TALBA**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, il-Latvja titlob li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jawtorizza lil-Latvja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge dwar il-provvista tal-oġġetti ta' kostruzzjoni.

Fid-dawl tal-frodi li qed issir, il-Latvja introduċiet il-mekkaniżmu tar-reverse charge fis-settur tas-servizzi tal-kostruzzjoni skont l-Artikolu 199(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT, li skont il-Latvja wassal għal tnaqqis tal-frodi tal-VAT fis-settur tas-servizzi tal-kostruzzjoni. Madankollu, il-Latvja nnutat ukoll li wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fis-settur tas-servizzi tal-kostruzzjoni, kien hemm żieda fir-rifużjonijiet tal-VAT lill-kontribwenti li tista' tiġi parzjalment spjegata biż-żieda tal-frodi fil-provvista tal-oġġetti ta' kostruzzjoni. Il-Latvja tiddikjara li hemm bażi biex wieħed jemmen li parti mill-persuni rreġistrati li jħallsu l-VAT fis-settur tal-kostruzzjoni qed jaġixxu *in mala fede*, billi ma jiżvelawx il-volumi attwali ta' prodotti ta' kostruzzjoni użati meta jipprovdu s-servizzi tal-kostruzzjoni.

Wara l-informazzjoni ppreżentata mil-Latvja, il-kontribwenti li joperaw fis-settur tal-kostruzzjoni japplikaw l-istess metodi għall-evażjoni tat-taxxa bħal f'setturi oħra, jiġifieri: a) it-taxxa tal-input tiżdied inġustament b) il-fornituri tal-oġġetti ta' kostruzzjoni mhumiex affidabbli ("negozjant nieqes"), il-kumpaniji jagħmulha impossibbli li jiġi ddeterminat l-oriġini tal-prodotti c) il-prodotti jinxtrow minn "buffer companies" u t-taxxa tal-input tiġi dikjarata.

Il-Latvja tiddikjara wkoll li s-settur tal-kostruzzjoni għandu l-ogħla proporzjon ta' ekonomija moħbija li tikkonsisti fin-nuqqas ta' rappurtar tal-introjtu min-negozju u tal-ħlas fl-idejn.

Bin-nomina tal-persuna li tkun ipprovduta bl-oġġetti jew bis-servizzi tal-kostruzzjoni bħala l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT, il-Latvja tixtieq tiġġieled il-frodi msemmija hawn fuq li ssir fis-settur tal-oġġetti ta' kostruzzjoni. Mit-talba jidher, u ġie kkonfermat b'ittra mibgħuta lill-Kummissjoni fit-12 ta' Ottubru 2017, li mill-1 ta' Jannar 2018 il-Latvja tipprevedi l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti ta' dawn l-oġġetti.

#### **4. IL-FEHMA TAL-KUMMISSJONI**

Meta l-Kummissjoni tirċievi talbiet skont l-Artikolu 395, dawn jiġu eżaminati biex tiżgura li l-kundizzjonijiet bażiċi biex jintlaqgħu dawn it-talbiet ikunu ssodisfati, jiġifieri, jekk il-miżura speċifika proposta tissimplifikax il-proċeduri għall-persuni taxxabli u/jew l-amministrazzjoni tat-taxxa jew jekk il-proposta tipprevjenix ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni dejjem adottat approċċ restrittiv u kawt biex tiżgura li d-derogi ma jxekkklux it-tħaddim tas-sistema ġenerali tal-VAT, ikollhom ambitu limitat, ikunu meħtieġa u proporzjonati.

Għalhekk, kwalunkwe deroga mis-sistema ta' ħlas frazzjonat tista' tintuża biss meta wieħed ma jkollux għażla oħra u bħala miżura ta' emerġenza, u għandha tagħti garanziji dwar il-ħtieġa u n-natura eċċezzjonali tad-deroga mogħtija.

F'dan l-isfond, ta' min ifakkar li l-politika tal-Kummissjoni hija li tikkunsidra d-derogi dwar il-mekkaniżmu tar-reverse charge biss meta, fl-istess waqt, l-oġġetti inkwistjoni ma jkunux jistgħu jaslu għand il-konsumatur finali, kontribwent dgħajjef jiġi sostitwit b'wieħed affidabbli u ma jkunx hemm riskju ta' frodi fil-livell tal-bejgħ bl-innut jew għal Stati Membri oħrajn li ma jużawx il-mekkaniżmu.

L-ewwel nett, ta' min jinnota li l-prodotti kkonċernati jinstitgħu jintużaw għall-konsum privat u għalhekk jinvolve r-riskju li l-frodi tiċċaqlaq aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista u b'hekk tista' ssir aktar diffiċli biex tiġi kkontrollata. Għaldaqstant, it-trasferiment tal-obbligazzjoni sħiħa tal-VAT fuq l-aħħar ħolqa tal-katina, iżid ir-riskju. Hemm ukoll ir-riskju ta' ċaqliq ta' frodi fi Stati Membri oħra.

Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, deroga la hija soluzzjoni fit-tul u lanqas ma tieħu post il-miżuri xierqa ta' kontroll għas-settur u għall-persuni taxxabpli. Għalkemm fit-talba tagħha l-Latvja indikat li bħalissa hemm fis-seħħ firxa komprensiva ta' miżuri ta' kontroll biex jindirizzaw il-frodaturi tal-VAT, din naqset milli turi għala dawn il-miżuri ta' kontroll mhumiex biżżejjed għall-ġlieda kontra l-frodi fil-prodotti tal-kostruzzjoni. Il-Latvja naqset ukoll milli tindika b'mod konkret il-miżuri li ttieħdu jew li se jittieħdu għall-ġlieda kontra l-frodi fis-settur tal-oġġetti tal-kostruzzjoni.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, jidhru diversi forom ta' frodi fis-settur tal-prodotti tal-kostruzzjoni. Għalkemm il-mekkaniżmu tar-reverse charge domestiku kien effettiv fil-ġlieda kontra l-frodi b'negozjant nieqes (MTIC), ma jidhirx li huwa l-istrument xieraq għall-ġlieda kontra forom oħra ta' frodi, bħal ngħidu aħna n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' volumi ta' prodotti mixtrija. B'hekk, il-miżura mitluba ma tipprovdix soluzzjoni ottimali għas-sitwazzjoni ta' frodi fis-settur tal-oġġetti ta' kostruzzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rrifjutat għadd ta' talbiet għal deroga biex jiġi applikat il-mekkaniżmu tar-reverse charge abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq. F'dan ir-rigward, issir referenza għall-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-industrija tat-trobbija tal-ħnieżer u tal-ġhalf tal-annimali (COM(2013)148 tad-19.3.2013 - bi tweġiba għal talba tal-Ungerija), is-settur taz-zokkor (COM(2014)229 tad-22.4.2014 - bi tweġiba għal talba tal-Ungerija), il-ħaġar prezzjuż (COM(2014)623 tal-10.10.2014 - talba tal-Estonja) u s-settur tal-laħam (COM(2017)24 final tad-19.1.2017 - talba tas-Slovakkja).

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li deroga li tawtorizza l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fis-settur tal-prodotti tal-kostruzzjoni jista' jkollha impatti negattivi fuq il-frodi fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u fuq Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-miżura mitluba ma tidhirx li hija waħda ottimali biex tindirizza s-sitwazzjoni ta' frodi kumplessa f'dan is-settur.

Trid tinstab soluzzjoni fuq livell usa' li tinvolvi miżuri xierqa ta' kontroll. Il-Kummissjoni tibqa' disponibbli biex tipprovdil lil-Latvja bl-għajnuna meħtieġa għall-ġlieda kontra l-problemi tal-frodi tal-VAT.

## **5. KONKLUŻJONI**

Abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni toġġezzjona għat-talba tal-Latvja.